MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Numru. 946/2002

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
VICTORIA EBEJER
STEPHEN GALLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Victoria Ebejer, ta' 26 sena, mart Stephen, bint Harry u Josephine nee' Borg, imwieled Pieta' fl-10 ta' Frar 1976, u residenti 78, Tal-Karmnu Hse, Main Street, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 235976(M), u Stephen Galli, ta' 37 sena, bin John u Carmen nee' Ellul, imwieled Washington l-Istati Uniti nhar it-22 t'Awissu 1964, u residenti 15, Triq il-Karmeliti, Belt Valletta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 13884A.

Victoria Ebejer, akkuzata wahedha talli fis-7 t'April 2002 mill-hanut Classic Gold li huwa sitwat fi Triq il-Merkanti, il-

Belt Valletta, ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu, ikkommettiet serq ta' gizirana tad-deheb li l-valur taghha jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta' Paul Fenech ghan-nom ta' Classic Jewelers, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Filwaqt li Stephen Galli huwa akkuzat wahdu talli fix-xhur ta' qabel it-13 t'Ottubru 2002, f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe' gizirana tad-deheb, liema gizirana giet mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-ahharnett, Stephen Galli wahdu huwa akkuzat talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tigi mhassra, kif ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tas-17 t'Ottubru 2004 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u dik tad-Difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-membri tac-CID kienu gew mghoddija filmat minn CCTV u 'prints' mehud minnu (ara dokument DS a fol 17 tal-process) fejn gew mitluba jidentifikaw iz-zewg persuni illi dehru fuq dan il-filmat. L-Ispettur David Saliba nfatti kkonferma illi wara li

ghadda ftit zmien, intebah illi wiehed mill-persuni li kien ra fil-filmat tac-CCTV kien filfatt Stephen Galli. Sussegwentement, huwa baghat ukoll ghal Victoria Ebejer li sar jaf li kienet il-mara tieghu. Din irrilaxxat stqarrija wara li nghatat is-solita twissija (ara dokument DS1 a fol 27 et seq tal-process), u stqarret illi hija kienet mizzewga lill-imputat Stephen Galli u kellha tifel. Hija xehdet illi waqt li kienet ma' zewgha l-imputat iduru xi hwienet, dahlu go hanut tad-deheb bl-iskop li jaraw xi gizirajjen.

L-imputata Ebejer fl-istqarrija taghha xehdet illi meta kienu fl-Amerka hi u zewgha kienu tilfu xi deheb illi kienu taw fuq rahan, peress li ma rifduhx fil-hin. Victoria Ebejer, wara li ammettiet illi kienet serqet gizirana tad-deheb mill-hanut indikat fic-citazzjoni, tkompli ssostni:

**'Kif irnexxieli nehodha (il-gizirana tad-deheb), jien qedt lil Stephen biex nitilqu 'l barra kif filfatt ghamilna. Hrigna minn hemmhekk b'pass imghaggel. Kif dorna mal-kantuniera, jien hrigt il-gizirana li kont ghadni kif hadt, u wrejtha lil Stephen. Huwa kien jaf li kienet l-istess wahda illi konna ghadna kemm rajna. Dak il-hin Stephen staqsieni kif irnexxieli niehu l-gizirana u jien wegibtu heq, irnexxieli. Jien dak il-hin tajthielu u huwa zammha…' (ara fol 27-28).**

Illi sussegwentement l-Ufficjal Prosekutur kien baghat ghall-imputat Stephen Galli, u cahad kategorikament illi kien jaf li martu kienet attwalment serqet il-gizirana illi kienet irregalatlu. Illi ghaldaqstant, l-Ufficjal Prosekutur rega' baghat ghal Victoria Ebejer u din biddlet il-verzjoni fis-sens illi **'sussegwentement hi qaltli li seta' r-ragel ma kienx jaf li hija kienet serqet il-gizirana tad-deheb, pero' huwa veru li kienet ghaddiet il-gizirana tad-deheb illi kienet tatu b'rigal'**. Sussegwentement qaltlu wkoll li **'din kienet wahda li kienet serqet hija stess mill-hanut…gewwa Strada Merkanti l-Belt.'** (ara xhieda a fol 11 u 12).

Stephen Galli rrilaxxa stqarrija dokument DS2 a fol 29-31 tal-process, fejn huwa nnega illi huwa kellu parti fis-serq tal-gizirana tad-deheb, u kkonferma illi martu Vicky kienet

irregalatlu din il-gizirana tad-deheb jumejn wara li kien ra xi gizirajjen tad-deheb maghha f'hanut. Mistoqsi fl-istqarrija li rrilaxxa:

**'Question: Yesterday you told us that having seen the gold chain you immediately suspected that it was stolen, do you recall this?**
**Answer: I wish not to answer.**
**Question: So much so that you have just been confronted by Vicky, will you confirm that you had suspected that she may have stolen the chain and you repeatedly asked her where did she manage to get it, is this true?**
**Answer: Yes…**
**Question: You also said yesterday that Vicky had given you this gold chain as a birthday present, this was in April while your birthday is in August can you explain?**
**Answer: An early birthday present because when we were in America she did not work as she did not have a working permit.'**

Gew esebiti zewg gizirajjen tad-deheb DS3 u DS4.

Spettur Ramon Mercieca kkonferma li l-Pulizija kienu rcevew rapport fis-7 t'April 2002 ghal habta ta' xil-ghaxra u nofs ta' filghodu minn Classic Jewelers fi Triq Merkanti, il-Belt, fejn is-'sales girl' Christine Law kienet irrapurtat illi kienu dahlu zewg persuni fil-hanut taghha, bi pretiza li jixtru xi gizirajjen. Waqt li Law kienet qed tohrog il-bcejjec tad-deheb mill-istess armatura biex turihom dawn il-gizirajjen, 'it-tnejn li huma qabdu wahda mill-gizirajjen u telqu jigru mill-hanut' (ara xhieda a fol 18). Is-'sales girl' kienet infurmat lill-Pulizija illi dik il-gizirana kienet tiswa' tlett mija u ghaxar Liri Maltin (Lm310).

Spettur Mercieca kkonferma li huwa mar fuq il-post u ra illi l-hanut kien mghammar b''close circuit television camera' u ghaldaqstant, gabru l-kopja tal-'video' li minnhom gew zviluppati xi ritratti, u sussegwentement dawn gew mghoddija lill-Ufficjal Prosekutur. Giet esebita l-okkorrenza a fol 21 u 22 tal-process.

Is-Surgent 928 Ramon Mifsud Grech ikkonferma x-xhieda tal-Ispettur Mercieca.

PS 336 Antoine Schembri kkonferma l-istqarrija ta' Victoria Ebejer.

Audrey Calleja, mill-Classic Jewelers ikkonfermat illi f'April 2002 kienu dahlu zewg persuni fil-hanut u bdew jaraw hafna gizirajjen. Propjament kienet qed taqdihom l-assistenta taghha **'u wara li telqu nsomma bdejna npoggu l-affarijiet f'posthom u ndunajna li kien hemm gizirana nieqsa.'** Minn hemmhekk huma gharrfu lill-'head office' taghhom u cemplu lill-Pulizija. <u>Audrey Calleja gharfet lill-imputati prezenti fl-awla bhala z-zewg persuni li kienu dahlu fil-hanut taghha u staqsew ghall-gizirajjen.</u>

Christine Law, is-'sales girl' ta' Classic Jewelers, ikkonfermat illi kienu ghamlu rapport fis-7 t'April l-ghassa tal-Pulizija rigward serq ta' gizirana mill-hanut tal-Belt. Christine Law ma gharfitx lill-imputati.

Paul Fenech, propjetarju ta' Classic Jewelers, Merchant Street, Valletta, ikkonferma r-rapport mis-'sales girl' tieghu fis-7 t'April 2002, li fiha rrapurtaw serq ta' gizirana tad-deheb. Rigward il-valur tal-istess gizirana, Paul Fenech iddikjara illi ghalkemm gew ikkompensati mill-Middle Sea u Island Insurance Brokers, ma kienx jaf il-prezz preciz tal-valur tal-istess gizirana (ara xhieda a fol 44-46).

A fol 58 tal-process, l-Ispettur David Saliba esebixxa sentenza DSZ1 fil-konfront ta' Stephen Galli moghtija mill-Magistrat Borg Olivier Depouche fl-10 ta' Lulju 1984, DSZ2 sentenza fil-konfront ta' Stephen Galli tal-14 ta' Lulju 2000 u ohra tal-Magistrat Joseph Filletti tas-16 ta' Marzu 1984 esebita bhala dokument DSZ3.

L-imputat Stephen Galli, a fol 102-105, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, jinnega li huwa kellu x'jaqsam mas-serq tal-gizirana tad-deheb, jiftakar illi hu u martu kienu qeghdin jaraw xi affarijiet fil-hwienet tad-deheb u li martu rregalatlu gizirana xi ftit jiem wara. Illi sussegwentement,

il-Pulizija baghtu ghal martu d-Depot, u wara ftit permezz ta' telefonata, riedu jkellmu lilu. L-imputat Stephen Galli kkonferma li huwa hadilhom il-gizirana tad-deheb, u li sussegwentement bdew dawn il-proceduri. Huwa kkonferma li kien irrilaxxa stqarrija u kien iffirmaha u b'referenza ghad-domandi li jinstabu a fol 30 tal-process, l-imputat jinnega li huwa kien jaf illi dik il-gizirana kienet misruqa minn martu, u li kkonferma dan fl-istqarrija tieghu. L-imputat jghid li huwa wiegeb fl-affermattiv ghal domanda kompletament differenti u cioe' ghal domanda fejn gie muri r-ritratti fejn jidhru hu u martu fil-hanut in kwistjoni:

**'because he was not referring to a couple of days ago, he was referring to that instant right there with the photos in front of me and he was yes he was asking me…so you are saying that you did not verbally admit with Inspector Saliba that you suspected that your wife had stolen the necklace? No these were referring to the pictures in front of me and what was happening at that time of the statement and while we were under arrest and that's what its referred to' (ara xhieda a fol 104 u 105).**

L-imputata Victoria Ebejer, a fol 108, fl-ewwel tlett faccati tax-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, ippruvat tipperswadi lill-Qorti illi hija kienet imgieghlha tirrilaxxa stqarrija u li kienet bezghana hafna u li l-istqarrija taghha ma kinitx wahda volontarja. A fol 111 pero' sussegwentement, biddlet din il-verzjoni u xehdet illi kien veru dak li qalet lill-Ispettur ghal dak li jirrigwardja s-serq da parti taghha tal-gizirana tad-deheb u li l-uniku haga li ma kinitx vera kienet il-partecipazzjoni tar-ragel taghha f'dan is-serq.

A fol 112, l-imputata Ebejer regghet bdiet tghid illi l-istqarrija taghha kienet giet imgieghlha tghidha mill-Ispettur. Fir-re-ezami, l-imputata xehdet illi hija kienet giet abbuzata sesswalment minn zewg persuni meta hija kienet ghada ta' eta' tenera hafna, u li l-genituri taghha kienu dejjem jghidulha li hija ghandha tinsa' dawn l-affarijiet, u llum il-gurnata tinsa' hafna affarijiet. Jirrizulta illi z-zewg imputati huma dependenti fuq id-droga u li fil-mori

tal-kawza, l-imputata Victoria Ebejer dehret illi ghamlet progress inizjali biex issegwi program.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless ta’ dawn il-provi, huwa evidentissimu illi l-gizirana li dwarha sar ir-rapport originali fl-ghassa tal-Pulizija, giet misruqa mill-imputata Victoria Ebejer li hija ammessa kemm fl-istqarrija taghha u kif ukoll wara ‘half hearted disclaimers’ quddiem din il-Qorti stess. Din l-ammissjoni u kwalunkwe haga illi qalet l-imputata Victoria Ebejer fl-istqarrija taghha tapplika biss ghaliha nfisha.

Infatti, l-Artiklu 661 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tipprovdi s-segwenti:

*‘A confession shall not be evidence accept against the person making the same, and shall not operate to the prejudice of any other person.’*

Ghar-rigward ta’ Stephen Galli, din il-Qorti ma taghti ebda kredibilita’ ghax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, fejn prova jbengel l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija li ta lill-Ufficjal Prosekutur billi jghid illi huwa kien qieghed jaghti rispons fl-affermattiv ghal domanda ohra. Din l-istqarrija ttiehdet bl-Ingliz, li hija l-lingwa preferita tal-imputat.

Illi apparti dan kollu, u fl-sfond tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, huwa evidenti illi l-imputat kien qieghed ma’ martu meta hija kienet iddecidiet illi tisraq din il-gizirana tad-deheb, kien jaf precizament is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja taghhom x’kienet dak iz-zmien u kien jaf ukoll illi martu ma kienet hallset b’ebda cekk, la tac-‘children’s allowance’ u lanqas b’mod iehor ghal dik il-gizirana.

Niente di meno pero’, meta giet regalata lilu xi zmien wara, huwa **accettaha meta kellu suspetti illi martu setghet serqitha**. Illi x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti ma hija xejn iktar hlief attentat pwerili biex jipprova b’xi mod jghatti x-xemx bl-gharbiel, apparti l-fatt li hija mzewwqa b’diversi nkonsistenzi.

Id-Difiza, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, tilmenta illi l-Prosekuzzjoni naqsu milli jippruvaw l-aggravju tal-valur, stante illi Christine Law ma gietx prodotta mill-Prosekuzzjoni biex tikkonferma l-valur tal-gizirana, u li dan il-valur, cioe’ ta’ tlett mija u ghaxar Liri Maltin (Lm310), huwa l-valur illi xehed dwaru PC 928 Ramon Mifsud Grech, fix-xhieda tieghu a fol 23 et seq, u tinstab ukoll fl-okkorrenza dokument PS a fol 31.  Illi minhabba f’hekk, id-Difiza tallega illi din il-Qorti tista’ ssib htija biss ta’ serq semplici.

Con tutto rispetto, din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sollevat mid-Difiza. Dan qed jinghad ghaliex ix-xhieda Christine Law, Audrey Calleja u Paul Fenech, kollha kkonfermaw illi l-gizirana esebita fil-process kienet kullana tad-deheb, u l-prova tal-valur giet ikkonfermata fir-rapport maghmul a tempo vergine u kkonfermat mill-Pulizija illi wettaq l-istess rapport. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma illi l-prova tal-valur saret sodisfattament.

L-istess pero’ ma jistax jinghad ghar-rigward tax-xhieda ghat-tielet akkuza b’mod specjali ghal dak li jirrigwardja l-ksur tas-sentenza sospiza fil-perjodu operattiv taghha, is-sentenza moghtija mill-Magistrat Miriam Hayman datata 14 ta’ Lulju 2000, dokument DS2 li tinstab a fol 80 et seq. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom illi s-Supretendent Alexandra Farrugia Mamo naqset illi taghti x-xhieda taghha biex tikkonferma l-identita’ tal-imputat u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tirrendi l-istess sentenza operattiva. Di piu’, l-Avukat Generali ma ndikax l-Artiklu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-Artikli illi jinstabu a fol 91 tal-process, u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax ghal din ir-raguni wkoll, tirrendi din l-istess sentenza operattiva (ara wkoll Pulizija vs Michael Carter, deciza fis-7 ta’ Dicembru 2001).

Illi in oltre, ghar-rigward tal-akkuza tar-recidiva, jidher illi fis-sentenzi esebiti u cioe’, dokumenti DSZ1 a fol 74 moghtija fl-10 ta’ Lulju 1984, l-imputat Galli kien gie kkundannat ghal ghoxrin (20) gurnata habs, waqt illi fis-sentenza dokument DSZ3 a fol 83, u cioe’ dik tas-16 ta’ Marzu 1984, l-imputat Galli gie kkundannat ghal sebghin

Lira Maltin (Lm70) multa. Illi ghalhekk, ai termini tal-Artiklu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, siccome l-piena stabbilita f'dawn iz-zewg sentenzi ma eccedewx il-hames snin prigunerija, ebda awment fil-piena ma jista' jinghata mat-trapass ta' hames snin minn dik id-data tas-sentenza.

Lanqas din il-Qorti ma tista' tikkunsidra s-sentenza dokument DSZ2 bhala prova tar-recidiva, stante illi dwar din is-sentenza ma saret ebda prova tal-identita'.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputata Victoria Ebejer hatja tal-ewwel akkuza, u lill-imputat Stephen Galli hati tat-tieni akkuza, u mhux hati tat-tielet akkuza li minnha tilliberah, u wara li rat l-Artikli 261(c), 267, 279, 334, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil Victoria Ebejer ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin. In oltre tqieghda taht 'supervision suspended order', taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew 'probation officer' iehor minnha nominat ghal perjodu ta' tlett snin. Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta illi Victoria Ebejer hija 'a first offender'.

Fil-konfront tal-imputat Stephen Galli, din il-Qorti tikkundannah ghal sena prigunerija li minnhom iridu jitnaqqsu z-zmien illi huwa ghamel f'arrest preventiv. Din il-piena qed tinghata in vista tal-antecedenti tal-imputat, li jidher li nghata diversi opportunitajiet minn Qrati differenti, u li l-istess imputat ma gharafx jibbenefika minnhom. In oltre, l-imputat irrifjuta l-ghajnuna u l-opportunitajiet moghtija lilu sabiex jirrijabilita ruhu mid-dependenza fuq id-droga a kuntrast ta' martu.

Din il-Qorti tifhem illi dak illi wettqu z-zewg imputati huwa frott tad-dipendenza kompleta fuq id-droga, u ghaldaqstant tirrakkomanda illi l-imputat isegwi program ta' rijabilitazzjoni kontra d-drogi minn hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------